MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Numru. 124/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Nicholas Zammit**

Numru 124/2013

Illum 8 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Nicholas Zammit**, ta' wiehed u tletin (31) sena, iben John u Rose neé

Camilleri, imwieled Toronto, Kanada, fil-15 ta' Gunju 1982, u residenti 'Scorpio', Flat 5, Triq Kemmuna, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 75395(M), akkuzat talli nhar it-13 ta' Lulju 2013, f'xi hin matul il-gurnata u fiz-zminijiet qabel waqt li kien qieghed fix-Xewkija, Ghawdex u f'dawn il-Gzejjer:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. irrenda ruhu recediv b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew mhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tirtira t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat u li gie pruvat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tieghu (Dok. "B"), il-ko-operazzjoni tieghu mal-Pulizija u l-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija.

Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, u dana *stante* li din l-imputazzjoni giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, wara li rat Taqsimiet 4 u 6, Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u r-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 tal-1939) issib lill-imputat Nicholas Zammit hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------